MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru 233/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Formosa**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Formosa talli fil-15 ta' Ottubru, 2001 ghal habta tal-10am fi Triq l-Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kien qed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni BBG-634 laqat u tajjar lil Jane Jameson bil-konsegwenza li kkagunalha l-mewt;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-18 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-qorti ddecidiet hekk:

**“Ghal dawn il-motivi, issib lill-akkuzat hati li b’negligenza u imprudenza fis-sewqan ikkontribwixxa ghall-incident stradali imsemmi fl-akkuza u li fih inqatlet l-imsemmija Jane Jameson, wara li din intlaqtet mill-karozza indikata misjuqa minnu, u dan minhabba velocita` aktar eccessiva min dik konsiljabbli fic-cirkostanzi. Ghalhekk, wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kap. 9, u tenut kont ukoll il-fedina penali netta ta’ l-akkuzat, tikkundannah ghal multa ta’ sitt mitt lira maltija (Lm600), pagabbli fi zmien xahar mill-lum.”**

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Joseph Formosa, minnu prezentat fid-29 ta’ Ottubru 2004, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza, jew, alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrigwarda incident li fih giet imtajjra u mietet turista Ingliza, Jane Jameson. Hija intlaqtet mill-appellant waqt li kien qed isuq fid-direzzjoni ta’ l-Imgarr, u mietet fuq il-post. L-incident sehh sewwa sew quddiem il-Gozo Heritage. Mill-provi jirrizulta sodisfacentement pruvat li l-imsemmija Jameson, li kienet ma’ grupp ta’ turisti, f’hin minnhom iddecidiet li taqsam min-naha tat-triq fejn hemm l-imsemmi Gozo Heritage ghan-naha l-ohra (fejn kien hemm zewgha) biex toqghod fid-dell. Hija qasmet minghajr ma tat kaz tat-traffiku li seta kien gej, u addirittura jirrizulta li qasmet izzomm *handbag* ma’ wiccha presumibbilment ghax kienet qed iddejjaqha x-xemx, u ghalhekk ftit li xejn kienet qed taghti kaz ta’ x’kien gej mid-direzzjoni ta’ mnejn kien gej l-appellant. F’hin minnhom jidher li intebhet bil-vettura ta’ l-appellant, waqfet momentanjament u regghet kompliet taqsam b’pass aktar mghaggel izda intlaqtet mill-vettura misjuqa mill-appellant. Il-verzjoni ta’ l-appellant, moghtija *a tempo vergine* quddeim il-perit legali nominat ghall-finijiet tal-accertament ta’ l-*in genere*, hija s-segwenti (fol. 50, 51):

**“Hekk kif qbizt ir-roundabout tal-heliport u qarribt lejn il-Heritage rajt mini bus hamra ipparkjata man-naha tal-Gozo Heritage, daqxejn ‘l fuq mill-bieb tal-bitha. Quddiem il-bieb tal-bitha ma kienx hemm vetturi ipparkjati, imbghad kif taqbez il-bieb kien hemm karozza tal-linja ipparkjata. Wara l-karozza tal-linja fuq in-naha ta’ barra taghha kien hemm grupp ta’ nies jithaddtu. Lil dawn in-nies jien stajt narahom minn distanza ferm qabel ma lhaqt il-mini bus.**

**“Dak il-hin kont ghaddej madwar hamsa u sittin kilometru, izda kif qarribt lejn il-mini bus naf li naqqast. Ma nafx kemm naqqast. Kif kont wasalt qrib se naqbad ix-xarabank minn wara l-grupp ta’ nies li semmejt rajt mara hierga taqsam. Kienet liebsa qalziet u flokk bojod u kappell abjad. Ma wiccha kienet qed izzomm *handbag*, in-naha tax-xellug biex jilqaghlha mix-xemx. Lill-mara rajtha timxi sa nofs it-triq b’pass legger u thares lil’ fuq.**

**“Waslet sa nofs it-triq u rajtha ddawwar wiccha lejja. Jien dak il-hin kont diga ghafast il-break u ksirt l-isteering ghan-naha l-ohra tat-triq biex nevitaha. X’hin dawwret rasha lejja innotajt li kienet ittendiet bija u qisha dehret mahsuda. Hi immedjatament kompliet taqsam tigri.**

**“Jien kont ksirt il-karozza lejn dik id-direzzjoni u ghalkemm fuq il-break komplejt nitkaxkar u lqattha. Ilqattha bil-genb tal-lemin bil-kantuniera u rajtha ttir ghal fuq il-genb tieghi ghal gol-windscreen. Hi ma taritx il-boghod.”**

Mill-pjanta a fol. 99 jirrizulta li l-vettura ta’ l-appellant waqfet xi zewg piedi wara l-habta, u li din halliet *brake marks* ta’ ghoxrin metru.

L-ewwel qorti kkonkludiet li s-sinistrata kienet tahti konsiderevolment ghal mod inkonsult kif qasmet it-triq, u difatti sabet lill-appellant hati biss ta’ negligenza

kontributorja, ossia ta’ konkors fir-reat kolpuz[1], u dan riferibbilment ghall-velocita` li kien ghaddej biha. In fatti dik il-qorti qalet hekk:

**“Fil-kaz taghna, il-Qorti ma tista’ ssib xejn x’ticcensura fl-agir ta’ l-akkuzat hlief fil-velocita` li kien ghaddej biha immedjatament qabel ma sehh l-incident. *Ex admissis* huwa kien qed isuq b’madwar hamsa u sittin kilometru fis-siegha (65 k.f.s.). Ghalkemm jikkontendi li naqqas x’hin qorob lejn il-post ta’ l-incident, dan ma jirrizultax mill-fatti. Huwa minnu illi l-karozza tieghu halliet *breakmarks* ta’ ghoxrin (20) metru. Imma kif jindika l-Highway Code, dan ma jfissirx li d-*driver* kien ghaddej bl-40/45 k.f.s.[2], imma biss li f’kundizzjonijiet ideali, karozza li tkun miexja b’dik il-velocita` tenhtieg ta’ l-anqas distanza ta’ 20 metru biex tieqaf. Ovvjament il-karozza ta’ l-akkuzat ma waqtfitx fil-hin biex tevita li tolqot lil Jameson, imma waqfet biss bl-impatt, u dan l-impatt kien tant qawwi illi tajjar lill-vittma fl-ajru u anke habbtilha wiccha mal-*windscreen* tal-karozza, kollox indikattiv ta’ sewqan pjuttost veloci. Ghalkemm il-velocita` li biha kien ghaddej l-akkuzat tista’ tkun konsentita f’inhawi mhux abitati, il-post fejn sehh dan l-incident ma tantx jista’ jikkwalifika bhala tali, ghalkemm m’hemmx hafna bini. Huwa maghruf mas-sewwieqa kollha Ghawdxin, kif inhu l-istess akkuzat, illi dawk l-inhawi minhabba dan il-kumpless tal-Gozo Heritage, huma frekwentati hafna mit-turisti fil-hinijiet ta’ filghodu, bil-konfuzjoni li neccessarjament xi ftit jew wisq invitabbilment joholqu, billi lanqas m’hemm *parking* adegwat. Kif anke jirrizulta mis-*site plan* tal-lokal, dik il-parti tat-triq hija dritta u tippermetti vizwali tajba ghal certu distanza. L-istess akkuzat ammetta li huwa induna bil-*buses* ipparkjati u l-gemgha ta’ nies li**

---

[1] *“Il fatto colposo puo` essere il risultato della condotta di piu` persone che hanno agito l’una indipendentemente dall’altra. Simili casi sono piuttosto frequenti. Cosi` negli infortuni della strada, accanto alla condotta del conducente di una vettura, puo` esserci quella di un altro conducente o di un pedone.”* – Francesco Antolisei, **Manuele di Diritto Penale – Parte Generale** Giuffre` (Milano), 1989, p. 331.

[2] Din il-Qorti – cioe l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali – ma taqbilx ma din l-inferenza. Fil-fehma ta’ din il-Qorti *break marks* ta’ ghoxrin metru jissarfu f’velocita ta’ bejn 53 u 60 k.f.s.

**kien hemm quddiem il-Gozo Heritage. Kien ghalhekk konsiljabbli ghalih li jnaqqas sew mill-velocita` li kien ghaddej biha qabel ma jasal fl-inhawi, haga li evidentement m'ghamilx sakemm, rinfaccjat bl-emergenza subitanea li holqitlu l-vittma, ma setax imbghad jikkontrolla kif xtaq il-karozza tieghu."**

Bazikament l-appellant jikkontendi b'mod generali li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi f'kwazi penali. Aktar specifikatament huwa jghid li ma kien hemm ebda nuqqas da parti tieghu u anke jekk kien hemm xi nuqqas – li huwa jinnega li kien hemm – kellu jigi ppruvat "…in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett…" (ara pagna 3 tar-rikors ta' appell). Skond l-appellant huwa kien ghaddej b'mod regolamentari u prudenti, meta gie rinfaccat b'"emergenza subitanea imprevedbbli li rrendiet impossibbli jew mhux ragjonevolment possibbli azzjoni tempestiva evaziva" (pagna 5). Skond l-appellant, ma kien hemm xejn x'ticcensura fil-velocita` li kien ghaddej biha.

Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-process kollu, izda semplicement ma tistax taqbel ma l-appellant. Kif inhu risaput, in tema ta' responsabbilta` kontributorja, il-fatt li haddiehor (f'dan il-kaz il-vittma stess) ikun ukoll negligenti ma jgibx fix-xejn ir-responsabbilta` tal-appellant, basta, naturalment, li jkun hemm effettivament negligenza da parti ta' l-appellant u li din in-negligenza kienet kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-mewt kagunata (ara, fost ohrajn, ***Il-Pulizija v. Alexander Azzopardi*** App. Krim. 26 ta' Frar 2001). Fil-kaz in dizamina kollox idur, ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta` kriminali o meno ta' l-appellant, fuq il-kwistjoni tal-velocita` li biha kien ghaddej. Jibda biex jinghad li din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant li hu kien ghaddej b'mux aktar minn 45 k.f.s. – il-*break marks* imhollija jindikaw velocita` bejn il-53 u s-60 k.f.s. Ghalkemm 50 k.f.s. hija l-velocita` <u>massima</u> konsentita ghal vettura bhalma kien qed isuq l-appellant fl-abitat (ossia f'*built up areas*), dan ma jfissirx li din il-velocita` hija dejjem dik li wiehed ghandu jkun ghaddej biha. L-istess jinghad ghall-velocita` <u>massima</u> ta' 80 k.f.s. applikabbli

ghal positijiet ohra. Skond ic-cirkostanzi partikolari ta’ kull lokalita` -- inkluzi l-istat tat-triq, il-konfigurazzjoni taghha, il-presenza ta’ nies fin-nofs jew fil-genb tat-triq u hafna u hafna cirkostanzi ohra -- tista’ tkun indikata velocita` ferm anqas minn dik regolamentari, u dan proprju ghax ikun prevedibbli li, minhabba xi wahda minn dawn ic-cirkostanzi, tista’ tinholoq sitwazzjoni ta’ emergenza fejn is-sewwieq irid ikollu aktar kontroll fuq il-vettura tieghu milli f’cirkostanzi ohra. Fil-kaz in dizamina, indipendentement mill-fatt jekk il-lokalita` in kwitsjoni hix “built up area” o meno, kellu jkun evidenti ghal kull sewwieq, u specjalment ghal sewwieq Ghawdxi li jaf sew dik l-istess lokalita`, li meta ghandek il-konfuzjoni assocjata ma’ turisti u *coaches* li normalment ikun hemm f’dak il-post, wiehed ghandu jirrallenta konsiderevolment f’dik li hi velocita` proprju ghax tizdied il-probabbilita` li xi hadd aljenatament jidhol fil-karreggjata. L-appellant ma sabx il-*mini bus*, ix-xarabank u n-nies ma’ wiccu ghal gharrieda – huwa rahom minn certa distanza u ra anke dik li huwa stess isejhilha “tgegwigija nies”[3]. Kien ghalhekk li l-appellant, bhala *bonus paterfamilias* li ghandu jsuq b’mod prudenti u konformi ma’ dak li huwa prevedibbli li jista’ jinqala’, kellu jirrallenta sew anzi konsiderevolment fil-velocita` u mhux jibqa’ ghaddej b’bejn 50 u 60 k.f.s. kif effettivament jirrizulta li ghamel. Li kieku huwa saq bi ftit aktar prudenza u hsieb seta’ facilment jevita li jolqot lil Jane Jameson jew, jekk jolqotha, ma jaghtihiex id-daqqa li effettivament ta. Ghalhekk f’dan il-kaz is-sewqan imprudenti tal-appellant kien, anke jekk biss in parti, kawza efficjenti tal-mewt tal-imsemmija Jameson.

Konsegwentement din il-Qorti ma tara assolutament xejn ticcensura fis-sentenza appellata – anzi tikkondivi ir-ragunamenti principali u l-konkluzzjonijiet f’dik is-sentenza.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu ta’ xahar ghall-hlas tal-multa jibda jiddekorri mill-lum.

---

[3] Fol. 179: *“Wara x-xarabank kien hemm tgegwigija nies…Wara x-xarabank hawnhekk sa fejn il-bieb tal-Gozo Heritage, fejn hemm it-tarag, u xi whud minnhom kienu f’nofs ta’ triq, kien hemm grupp minnhom iparlaw ezatt hawn hekk…”*

(ft.) Vincent DeGateano
Prim'Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------